MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1583/1999/1

**Ingrid Brincat Xuereb.**

**vs**

**Steven Brincat maghruf bhala Stephen Brincat.**

Il-Qorti,

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Lulju 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi nhar l-ghaxra ta' Gunju, ta' l-elf disa' mija disa' u disghin (10.06.1999), l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili a bazi tal-**Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** biex tkun tista' tipprocedi ghas-separazzjoni legali minn ma zewgha skond il-ligi, liema digriet igieb in-numru 742/99 datat ghaxra (10) ta' Gunju, ta' l-elf disa' mija disa' u disghin

(1999), li kopja legali tieghu tinsab hawn annessa u ndikata bhala dokument “BXI 1”;

Illi l-kontendenti, konjugi Brincat, inghaqdu fiz-zwieg nhar id-disa’ u ghoxrin (29) ta’ Gunju, ta’ l-elf disa mija sitta u disghin (1996) *ossia* kwazi tlett snin ilu, li l-parti sostanzjali ta’ dan iz-zmien huma ghaddewh isseparati *‘de facto’* minn xulxin, u dan minhabba r-ragunijiet li nghataw fir-rikors ta’ Brincat Xuereb Ingrid li gie pprezentat nhar l-erba’ u ghoxrin (24) ta’ Mejju, ta’ l-elf disa’ mija disa’ u disghin (1999);

Illi l-konjugi Brincat ma kellhom l-ebda tfal fir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom, li kienu rarissimi, u ghaldaqstant dan iz-zwieg minhabba ragunijiet kif elenkati f’**artikolu 38 tal-Kodici Civili kif ukoll artikolu 40 ta’ l-istess Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** partikolarment minhabba swat, theddid, ingurji gravi, minacci, eccessi u ragunijiet ohra legalment fondati, dawn waslu biex l-attrici tintavola l-kawza ta’ separazzjoni odjerna, kif ukoll it-talbiet konnessi, ancillari, sussegwenzjali u konsegwenzjali;
Illi nhar l-erba` u ghoxrin (24) ta’ April, ta’ l-elf disa` mija tmienja u disghin (1998), l-esponenti ntavolat rikors quddiem is-Sekond` Awla tal-Qorti Civili, u nhar il- hamsa ta’ (5) Mejju, ta’ l-elf disa` mija tmienja u disghin (1998), l-attrici odjerna kienet ottjeniet id-digriet numru 520/98 li a bazi tieghu hija kienet giet awtorizzata biex tipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet indikati fir-rikors taghha ta’ l-erba` u ghoxrin (24) ta’ April, ta’ l-elf disa` mija tmienja u disghin (1998);

Illi bejn il-hamsa ta’ Mejju, ta’ l-elf disa` mija tmienja u disghin (05.05.1998), sal-jum li fih gie pprezentat it-tieni rikors *ossia* fl-erba` u ghoxrin (24) ta’ Mejju, ta’ l-elf disa` mija disa` u disghin (1999), saru diversi tentattivi biex il-kontendenti jaslu ghal separazzjoni bonarja, tentattivi li fallew minhabba ragunijiet imputabbli unikament lil konvenut, Brincat Steven, kif jigi elaborat aktar fil-mori tal-kawza, specjalment minhabba l-proprjeta’ mmobiljari li tirrigwarda d-dar konjugali u l-*garage* li nxtraw mill-kontendenti, konjugi Brincat, qabel iz-zwieg u li allura ma

hemmx kwistjoni li naha jew ohra ghandhom xi superjorita' jew xi privilegg fuq din il-proprjeta' mmobbiljari *stante* li t-tnejn li huma huma komproprjetarji f'ishma ugwalment u indivizibbilment bejniethom kif ukoll jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;

Illi minhabba n-nuqqas ta' koperazzjoni da parti tal-konvenut, li jahdem *full-time*, kif taghmel ukoll l-attrici, l-attrici ma kien baqghala l-ebda triq ohra ghajr li tintavola din ic-citazzjoni odjerna u fejn allura hija qed taghmel dawn it-talbiet sussegwenti;

L-istess attrici talbet ghalhekk li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex tevalwa, tisma, tiddeciedi, taqta' u tordna illi:

(1) ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali permezz ta' sentenza, fiz-zwieg li sehh bejn l-attrici, Ingrid Xuereb u l-konvenut Steven Brincat maghruf ukoll bhala Stephen Brincat, fiz-zwieg taghhom li sehh fil-Parocca ta' l-Annunzjata gewwa Hal Balzan, nhar is-Sibt, disa` u ghoxrin (29) ta' Gunju, ta' l-elf disa` mija sitta u disghin (1996), *ossia* ftit jiem aktar minn tlett snin ilu mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza odjerna, u dan skond l-Att taz-Zwieg kif irregistrat fir-Registru Pubbliku tal-belt Valletta, Malta, li jgib in-numru progressiv tar- registrazzjoni 1080:03/07/1996, skond kif ikkonfermat mid-dokument hawn esebit li qed jigi ndikat bhala dokument BX "12".

(2) bil-firda personali bejn il-kontendenti konjugi BRINCAT permezz tas-sentenza odjerna, jintemm b'effett immedjat, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu tal konjugi BRINCAT li jghixu flimkien: **artikolu 35 sub-artikolu (1) tal- Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili);**

(3) is-sentenza qed tinghata minhabba li gew konfermati l-effetti ta' l-**artikolu 37, sub-artikolu (1), Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
(4) din il-firda sehhet minhabba adulterju da parti tal konvenut a bazi ta' **artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

(5) din il-firda sehhet a bazi ta' **artikolu 40 tal- Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *ossia* minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal- konvenut kontra l-attrici, u anke minhabba li l-hajja flimkien ma baqghetx aktar possibli billi dan iz-zwieg ilu li tkisser irrimedjabbilment kif fattwalment jindika z-zmien twil li l-kontendenti, konjugi BRINCAT, kienu separati *de facto;*

(6) l-attrici kellha ragunijiet validi li tabbanduna provvizorjament id-dar taz-zwieg li tinsab lokalizzata f'Binja Buqqana, Block A, House 34, Triq it-Torri ta' l-Arlogg, Imtarfa RBT10, u dan a bazi ta' l-**artikolu 41 tal-Kodici Civili,** kif ukoll ghas-sigurta' ta' l-istess attrici kif irrizulta fil-mori tal-kawza odjerna, u li ghalhekk bl-ebda mod ma dan fisser li, l-konvenut akkwista xi dritt privileggat fuq l-indikata dar konjugali li hija komunament u ugwalment indivizament proprjeta' parafernali tal-kontendenti konjugi BRINCAT f'isimha ndaqs bejniethom;

(7) u *stante* li z-zewg kontendenti konjugi kienu qeghdin jahdmu *full-time* tul iz-zmien kollu kemm damu pendenti dawn il-proceduri, sa mill-bidu nett u anke sa kemm ilhom li sseparaw anke *de facto*; allura ma hemmx htiega ta' xi arretrati ta' xi manteniment *pendente lite* li ghandu jithallas minn naha jew mill-ohra;

(8) l-effetti ta' **l-artikolu 48 sub-artikolu (1) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, jigu mplimentati minn din l-Onorabbli Qorti u dan peress li l-htija tal-firda kienet tort uniku tal-konvenut skond kif imfisser fl-imsemmi **artikolu 48, sub-artikolu (1) u subinciz (a), subinciz (b), u subinciz (c), kif ukoll subinciz (d);**

(9) ghandhom jigu applikati fid-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-effetti ta' l-**artikoli 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

(10) ghandha tigi formalment likwidata l-komunjoni ta l-akkwisti bejn il-kontendenti, tigi konfermata d-dikjarazzjoni li l-proprjeta' mmobbiljari tal-kontendenti, konjugi Brincat, giet akkwistata meta t-tnejn li huma kienu ghadhom mhux mizzewgin, u dan anke kif jindikaw id-dokumenti esebiti fl-elenku tad-dokumenti mac-citazzjoni odjerna, u jigi

konfermat illi z-zewg nahat jinsabu mpjegati *full-time* u li ghalhekk ma hemmx htiega ta’ l-obbligu tal-manteniment fid-dawl ta’ l-**artikolu 54, sub-artikolu (1) sas-sub-artikolu (7) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16, tal-Ligijiet ta’ Malta.**

(11) fir-rigward tad-dar konjugali li hija proprjeta’ parafernali f’isimha ugwali ndivizibbli bejn il-kontendenti konjugi Brincat, peress li din inxtrat qabel iz-zwieg, kif ukoll il-*garage* li wkoll inxtara qabel iz-zwieg mill-kontendenti, konjugi Brincat, dawn ghandhom jigu mibjugha u wara li jitnaqsu l-ispejjez inkorsi miz-zewg nahat skond il-provi prodotti fil-mori ta din il-kawza, ir-rikavat jigi assenjat ugwalment lil kull naha miz-zewg kontendenti konjugi Brincat;

(12) illi ghall-iskopijiet tat-talba precedenti, kif ukoll fl-eventwali kontumaci da parti tal-konvenut, ghandhom jigu nominati Perit Arkitett u Inginier Civili, kif ukoll Nutar Pubbliku sabiex ikunu jistghu jaghmlu stima tal-proprjeta’ mmobbiljari li nxtrat qabel iz-zwieg bejn il-kontendenti, konjugi Brincat, odjerni u li jsir l-att finali ghall-assenjazzjoni tal-proprjeta’ mmobbiljari skond kif tiddecidi l-Qorti a bazi tal-provi mressqa fil-mori ta’ din il-kawza odjerna;

(13) ghandhom jigu applikati fic-cirkostanzi l-effetti ta’ l-artikolu **55, sub-artikolu (1) sa sub-artikolu (3), kif ukoll l-effetti ta’ l-artikolu 55 (a) sub-artikolu (1) sa sub-artikolu (3) skond il-Kapitolu 16, Kodici Civili, ligijiet ta’ Malta;**

(14) apparti milli ma hemm ebda manteniment dovut minn naha ghall-ohra, il-kontendenti jitilfu d-dritt li jirtu lil xulxin, u dan fid-dawl tas-**sub-artikolu (3) ta’ l-artikolu 60 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

(15) a bazi ta’ **artikolu 62 tal-Kodici Civili**, kunjom il-mara *ossia* l-attrici, wara s-separazzjoni, ghandu jirriverti ghal kunjom xbubitha, *ossia* Xuereb, u ghalhekk din it-talba ghandha titqies li hija dikjarazzjoni ta’ l-attrici a bazi tas-**sub-artikolu (1) ta’ l-istess artikolu 62 tal- Kodici**

**Civili,** *ossia* n-nota pprezentata fl-atti tal-kawza qabel is-sentenza, u dan peress li l-attrici ma tridx li tibqa tkun maghrufa bhala Ingrid Brincat imma li ssir Ingrid Xuereb kif kienet qabel ma zzewget lill konvenut Steven *sive* Stephen Brincat;

(16) ghandhom jinghataw il-provedimenti kollha opportuni li din il-Qorti jkun jidhrilha xieraq u gust f'kull cirkostanza a bazi tat-talbiet ta' l-attrici kif hawn fuq suesposti, u dan sabiex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qed issir;

Bl-ispejjez kollha, nkluz dawk gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkluz ta' kwalsiasi procedura direttament jew indirettament konnessa ma' dawn l-atti *sia* precedentement ghal din il-kawza kif ukoll waqt li miexja din il-kawza, u dan kontra l-konvenut Steven *sive* Stephen Brincat li jibqa` minn issa ingunt in subizzjoni.

B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ta' danni spettanti lill-attrici kontra l-konvenut jew ir-rapprezentant legali tieghu fl-eventwalita' ta' kontumacja.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 9 et seq. tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 16 sa fol. 34 tal-process;

Rat id-digriet taghha, kif diversament ippresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo, fejn il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghal nhar it-8 ta' Marzu, 2000 fl-10.30a.m.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh tal-kawza gew debitament notifikati fl-1 ta' Frar, 2000;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fis-17 ta' Frar, 2000 a fol. 39 tal-process fejn gie eccepit:

1. Fl-ewwel lok, in-nullita' ta' l-att tac-citazzjoni u dan *stante* illi d-Dikjarazzjoni ta' l-attrici minnha pprezentata skond il-Ligi ma tissodisfax ir-rekwizit impost mill-**artikolu 156 (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura**

**Civili,** in kwantu minn imkien fis-seba` (7) pagni shah ta' l-istess dikjarazzjoni ma tirrizulta l-indikazzjoni tal-fatti li huma maghrufa lill-attrici personalment.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-att tac-citazzjoni lanqas ma jossodsfa r-rekwizit impost mill-**artikolu 159(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili,** illi jispecifika illi c-Citazzjoni ghandha tkun fil-qosor, u m'ghandu jkun hemm ebda kumment jew hwejjeg mhux mehtiega sabiex jigu mfissra l-fatti sostanzjali, u dan in kwantu l-istess Citazzjoni tikkontjeni diversi kummenti, u b'mod partikolari, dak kontenut fir-raba` (4) sas-sitt (6) premessa huwa kumment superfluwu ghat-talbiet attrici, u bl-ebda mod ma jista' jinghad illi jikkostitwixxi fatt sostanzjali skond il-Ligi, u fic-cirkostanza, din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-provvediment ta' l-**artikolu 159 (2)** u tordna illi l-hwejjeg zejda jigu mhassra jew ic-Citazzjoni tigi mnehhija mill-inkartament u mbiddla b'ohra flokha maghmula skond id-dispozizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu.

3. Illi *inoltre* anke l-istess talbiet attrici huma, fil-maggor parti taghhom, mhux talbiet veri u proprji, izda wkoll kummenti superfluwi.

4. Illi l-eccipjenti jaqbel ma' l-ewwel talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan peress illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet giet reza mpossibli minhabba adulterju, sevizzji, eccess, minacci u ingurji gravi da parti ta' l-attrici lli rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibli.

5. Illi t-tieni talba hija ghal kollox superfluwa in kwantu koperta u kompriza f'kull kaz bhala effett naturali u legali ta' l-ewwel talba, u ghaldaqstant f'kull kaz, l-eccipjenti ma ghandu jbati l-ebda spejjez ta' din it-tieni talba.

6. Illi l-kliem riportat bhala t-tielet talba attrici bl-ebda mod ma jista' jigi meqjus bhala li jikkostitwixxi, fil-fatt, talba proponibbli, u tali paragrafu huwa ghal kollox superfluwu,

u ghalhekk, ghal darb'ohra l-eccipjenti ma ghandu jbati ebda spejjez ta' din it-talba.
7. Illi l-eccipjenti jopponi bil-qawwa kollha r-raba` talba in kwantu dak hemm asserit huwa infondat fil-fatt u fid- dritt, *stante* illi, kif ammettiet l-istess attrici,kien l-adulterju taghha li wassal ghas-separazzjoni bejn il-partijiet u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi ghal dak li jirrigwarda l-hames talba, l-allegazzjonijiet ta' eccessi mohqrija thedid jew offizi gravi huma michuda bil-qawwa kollha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt li jigi dikjarat li hu minnu illi l-hajja konjugali llum hija mposibbli minhabba tkissir irrimedjabbli taz-zwieg.

9. Illi s-sitt talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, in kwantu l-istess attrici, kif hi taf ben tajjeb, abbandunat id-dar konjugali sabiex tkun tista' tikkoabita ma' terzi kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

10. Illi s-seba' talba attrici, filwaqt illi fttwalment korretta, ma tista' bl-ebda mod tkkostitwixxi talba proponibbli, u ghalhekk l-eccipjenti ma ghandu jbati ebda spejjez ta' din it-talba.

11. Illi l-ecipjenti jirrespingi bil-qawwa kollha t-tmiem u d-disa' talbiet attrici *stante* li t-tkissir taz-zwieg sehh unikament htija ta' l-attrici, kif jista' jigi ampjament ippruvat waqt t-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-effetti ta' l-**artikolu 48(1), 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili** ghandhom japplikaw favur l-eccipjenti.
12. Illi l-ghaxar talba attrici mhix opposta limitatament ghal dak li jirrigwarda l-obbligu tal-manteniment u x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan pero illi l-estremi tal-Ligi komtemplati fl-artikoli 48, 51, 52, u 53 tal-Kodici Civili ghandhom jigu komminati kontra l-attrici, li rrendiet ruhha hatja tac-cirkostanzi minnhom previsti.

13. Illi l-hdax u t-tnax-il talba attrici m'humiex opposti.

14. Illi t-tlettax u l-erbatax-il talba huma ghal kollox superfluwi in kwantu koperti u komprizi f'kull kaz bhala

effett naturali u legali tad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali u ghaldaqstant f'kull kaz l-eccipjenti ma ghandu jbati l-ebda spejjez ta' dawn it-talbiet.

15. Illi l-hmistax-il talba mhix opposta, imma l-ispejjez ghall-istess ghandhom jigu sopportati mill-attrici stess.

16. Illi s-sittax-il talba wkoll mhix opposta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 41 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol 41 tal-process;

Rat il-verbali tat-8 ta' Marzu, 2000 ta' din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Deborah Huber biex tigbor il-provi u l-kawza baqghet differita ghat-23 ta' Gunju 2000 fl-10.30a.m. biex dakinhar jigi ukoll miftiehem differiment ma' l-Avukati rispettivi biex jigu trattati l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat il-verbali ta' din il-Qorti diversament presjuduta tat-23 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Dicembru 2000; tat-30 ta' Ottubru 2001; u tat-23 ta' Gunju, 2000 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu ser jibdew jingabru fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2000 fl-10.00 a.m.;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-istess Qorti hekk komposta datati 2 ta' Lulju 2001, 30 ta' Ottubru 2001, u 13 ta' Frar 2001;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2002 fejn inghata digriet ta' l-affidavits ta' l-attrici b'terminu ta' erbghin jum; Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex jekk ma ffissatx, tiffissa erba' seduti b'ordni tal-Qorti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici fil-mori tad-differiment; tad-29 ta' Ottubru, 2002 fejn l-attrici iddikjarat illi provi taghha huma maghluqa;

Rat l-avviz tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentenent presjeduta;

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta’ Ottubru 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess b’diversi dokumenti u dan minn fol. 43 sa fol. 152 A tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2002 fejn gie ddikjarat li l-provi attrici gew konkluzi;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 18 ta’ Novembru 2002 fejn permezz taghha rrizervat li taghmel il-kontro-ezami rigwardanti l-affidavit tal-konvenut;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju (fol. 154 sa fol. 186), ix-xhieda migbura minnha u d-dokumenti esebiti waqt l-istess seduti, liema seduti huma dawk tad-29 ta’ Novembru 2000, 17 ta’ Settembru 2001, 15 ta’ Jannar 2002, 11 ta’ Frar 2002, 26 ta’ Frar 2002, 15 ta’ April 2002, 5 ta’ Gunju 2002 fejn ma sar xejn; 5 ta’ Frar 2001, 14 ta’ Marzu 2001, 15 ta’ Mejju 2001, 9 ta’ Mejju 2002, 27 ta’ Mejju 2002, 23 ta’ Settembru 2002, 14 ta’ Ottubru 2002 fejn xehdet l-attrici; tad-19 ta’ Settembru 2002 fejn xehed Edmond Fenech u Dr. Mark Sammut prodott mill-konvenut; 14 ta’ Jannar 2003 fejn xehed Dr. Mark Sammut prodott mill-konvenut; tas-17 ta’ Frar 2003 fejn xehed in-Nutar Mario Bugeja u Anglu Muscat u l-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ April 2003 fejn il-Qorti tat il-fakolta’ lill-attrici sabiex tipprezenta nota ta’ l-osservazzjonijiet fi zmien hamsin (50) jum u lill-konvenut sabiex jipprezenta nota responsiva fi zmien hamsin (50) jum minn notifika lilu tan-nota ta’ l-attrici; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Jannar 2004;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (1) ipprezentat fil-11 ta’ Gunju, 2003 a fol. 344 *et seq*. tal-process u li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti illi (1) tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fid-dawl tat-talbiet li sejrin isegwu ma jkunux lahqu gew mitmuma skond id-direttiva ta’ din l-Onorabbli Qorti; (2) jigi nominat Arkitett u Inginier Civili biex ikun jista jaghmel stimi formali taz-zewg fondi mmobiljari li jinsabu sitwati kwantu ghad-dar konjugali f’Binja Buqqana, Block A, *Garage* numru 89, Triq it-Torri ta’ l-Arlogg, Imtarfa –

RBT 10, u dan peress li dawn iz-zewg fondi mmobbiljari huma komproprjeta` f’ishma ugwalment indivizibbli bejn il-konjugi, Brincat, li gew akkwistati qabel ma dawn inghaqdu fiz-zwieg nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta’ Gunju, tas-sena 1996, u *cjoe*` wara li proprju gew akkwistati il-fondi mmobbiljari in kwistjoni; (3) jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni li din il-Wisq Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Gunju, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-20 ta’ Gunju, 2003 u li permezz taghha huwa talab illi t-talbiet kontenuti fir-rikors ipprezentat mill-attrici jigu michuda, *oltre* li tigi sfilzata d-dikjarazzjoni ta’ Francis Micallef ipprezentata mill-attrici;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Awissu, 2003 (a fol. 364) fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Il-Qorti, fl-imsemmi digriet irrikjamat il-kawza ghad-9 ta’ Ottubru, 2003 ghar-rapport u finali trattazzjoni. Finalment innominat lil Vincent Ciliberti bhala Perit Tekniku a spejjez attrici sabiex jaghmel stima tal-fondi ndikati;

Rat in-nota ta’ ristrutturizzazzjoni ta’ l-attrici ipprezentata minnha fil-11 ta’ Gunju, 2003 u li permezz taghha, s-sittax (16)-il talba taghha gew “ristrutturizzati” bis-segwenti mod:

1. Illi fid-dawl ta’ direttiva generali ta’ din il-Wisq Onorabbli Qorti, hija qed tirristrutturizza u tirriduci s-sittax (16) il-talba taghha b’dan il-mod:

Premess dan kollu, jghid il-konvenut, Steven Brincat, maghruf ukoll bhala Stephen Brincat, ghala din il-Wisq Onorabbli Qorti m’ghandhiex tevalwa, tisma’, tiddeciedi, taqta’ u tordna illi: (ara a fol. 4 tal-process *et sequitur*):

i. Ghandha tigi pronunzjata l-firda personali permezz ta’ sentenza fiz-zwieg li sehh bejn l-attrici u l-konvenut nhar is-Sibt disgha u ghoxrin (29) ta’ Gunju, ta’ l-elf disa` mija sitta u disghin (1996), skond l-Att taz-zwieg li jgieb in-numru progressiv ta’ registrazzjoni 1080:03/07/1996, esebit bhala dokument “BX12”;

ii. Ir-residenza f’Binja Buqqana, Block A, House 34, Triq it-Torri ta’ l-Arlogg, Imtarfa, RBT 10 ghandha tigi assenjata *in toto* lill-attrici nono*stante* li din ir-residenza kienet inxtrat qabel iz-zwieg mill-kontendenti b’ishma ugwali ta’ hamsin fil-mija (50%) indivizibbli fuq l-istess dar, u dan ghal ragunijiet validi li jirrizultaw fil-mori ta’ din il-kawza;

iii. Fic-cirkostanzi li jirrizultaw fil-mori tal-kawza ebda naha mill-kontendenti m’ghandha tivversa retta alimentari lin-naha l-ohra, u dan peress li z-zewg kontendenti jahdmu *full-time*;

iv. L-effetti ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** ghandhom jigu mplimentati fl-intier tieghu kollha kontra l-konvenut, kif l-istess ghandu jsir fir-rigward ta’ l-**artikolu 51, 52 u 53 tal- Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

iv. Ghandha tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b’mod illi wara li jitnaqqsu l-ispejjez li gew ikkonfermati bhala li attwalment saru, il- kumplament jinqasam ugwalment bejn il-partijiet skond il-Ligi;

v. Fir-rigward tad-dar konjugali li hija proprjeta’ parafernali f’ishma ugwali indivizibli bejn il-kontendenti, konjugi Brincat, inkluz il-*garage* li wkoll inxtara qabel iz-zwieg komproprjeta’ ugwali ta’ l-istess konjugi, Brincat, dawn ghandhom jigu mibjugha u wara li jitnaqqsu l-ispejjez inkorsi miz-zewg nahat skond il-provi prodotti fil-mori ta’ din il-kawza, ir-rikavat jigi assenjat lil kull naha miz-zewg kontendenti, konjugi Brincat, fl-eventwalita` li ma jkunx hemm qbil li l-attrici tibqa’ hija stess tirrisjedi f’din ir-residenza;

vi. Ghandhom ikunu applikanti l-effetti ta’ l-**artikolu 55 u 55 (A) tal-Kapitolu 16,** kif ukoll li l-kontendenti jitilfu d-dritt li jirtu lil xulxin a bazi tas-**subartikolu (3) ta’ l-artikolu 60 ta’ l-istess Kapitolu 16;**

vi. A bazi ta’ l-**artikolu 62 tal-Kodici Civili,** kunjom il-mara, *ossia* l-attrici, wara s-separazzjoni ghandu jirriverti ghal kunjom xbubitha, *ossia*` XUEREB.

vii. Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni li din il-Qorti jkun jidhrilha xieraq u gust li taghti a bazi tat-talbiet precedenti attrici kif hawn fuq suesposti.

Bl-ispejjez kollha nkluz dawk gudizzjarji u extra gudizzjarji, konnessi ma’ kwalsiasi procedura relatata mac-citazzjoni odjerna, kontra l-konvenut, Steven *sive* Stephen Brincat, li minn issa jigi ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-attrici (a fol. 351);

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku, Vincent Cilibertiipprezentat fis-26 ta’ Settembru, 2003 a fol. 368 *et seq* tal-process fejn talab lill-Qorti sabiex taghtih dawk id-direttivi li din il-Qorti thoss li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Ottubru, 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Tekniku jiffissa d-data ta’ access, jinforma biha lill-partijiet u lill-Kummissarju tal-Pulizija u jzomm l-access bl-assistenza ta’ Marixxal tal-Qorti, u ghal dan l-iskop tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jipprovdi Marixxal ghal dan l-iskop, kollox a spejjez tal-konvenut. Finalment ordnat notifika ta’ dan id-digriet lir-Registratur tal-Qrati u lill-Kummissarju tal-Pulizija u irrizervat li tipprocedi kontra l-konvenut ghal disprezz lejn l-Awtorita’ taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Perit Tekniku, Vincent E Ciliberti halef ir-rapport minnu maghmul. Il-konvenut talab li jinghata l-opportunita’ li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu lill-konvenut ta’ tletin (30)

gurnata ghall-prezentata ta' l-istess nota bil-visto/notifika lill-kontro-parti bil-fakolta' ta' kontro-replika;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku (a fol. 378);

Rat ir-rikors ta' l-attrici (2) ipprezentat fis-26 ta' Settembru, 2003 u li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti (a) tiehu dawk il-mizuri kollha li legalment tista tiehu kontra l-konvenut, Steven Brincat, ghal dan id-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u anke minhabba l-fatt li hi bhala l-attrici kellha tiehu *leave*, ma tithallasx ta' tali *leave*, u tidhol fi spejjez inutili li setghu gew evitati kieku l-access sar kif kien miftiehem zmien qabel mal-Perit Tekniku u bejn il-partijiet kontendenti konjugi Brincat u l-Avukati tal-Fiducja rispettivi taghhom; (b) illi jekk hemm bzonn il-Qorti ghandha tiehu passi wkoll kontra l-habiba tal-konvenut, Steven Brincat, li isimha u n-numru tal-karta ta' l-identita` taghha huma ndikati f'rikors opportun li pprezenta l-Perit Tekniku Vincent E. Ciliberti f'jum il-Gimgha, sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2003 u dan billi tali terza persuna minghajr ma kellha l-ebda Awtorita' li taghmel hekk, irrifjutat lil komproprjetarja attrici, Ingrid Brincat Xuereb, milli tkun tista tidhol f'darha stess; (c) *considerando* r-rikjamata ta' din il-kawza ghal jum il-Hamis, disgha (9) ta' Ottubru, 2003 fejn kellu jigi pprezentat ir-rapport u ssir il-finali trattazzjoni, il-Qorti ghandha taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xieraq u gust li taghti met tqis li l-jum li fih qed jigi pprezentat dan ir-rikors huwa biss ftit jiem 'il boghod mid-data tal-Hamis, disgha (9) ta' Ottubru, 2003;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta guramentata, u din apparti dak li gie degretat illum stess fuq rikors tal-Perit Tekniku;

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta' Ottubru, 2003 Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta' Settembru, 2002 a fol. 15 tal-process u li permezz taghha huwa talab li din it-talba tigi michuda;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Ottubru, 2003 fejn il-Qorti ikkonfermat id-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru, 2003 u irrizervat li tipprovdi ulterjorment ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti fil-konfront tal-konvenut u l-persuna ndikata fir-rikors;

Rat ir-rikors ta' l-attrici (3) ipprezentat fl-20 ta' Ottubru, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex (a) tigi awtorizzata teskuti lil Perit Tekniku Vincent Ciliberti u ghal dan l-iskop il-Perit Tekniku ghandu jircievi kopja ta' dan ir-rikors bid-digriet tal-Qorti u fejn l-istess Perit Tekniku jigi ordnat jidher quddiem dina l-Onorabbli Qorti fil-jum, data, xahar u sena tad-differiment lijmiss; (b) tawtorizza jigu nominati periti perizjuri li preferibbilment ghandhom ikunu t-tlett persuni koncernati Arkitetti u Inginiera Civili, u liema nomina ta' tlett periti perizjuri ghandha ssir seduta *stante* fid-differiment li jmiss quddiem dina l-Onorabbli Qorti u dana biex kull parti nteressata tkun tista tirregola ruhha skond il-kaz; (c) taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni li l-Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2003 fejn il-Qorti laqghet l-ewwel talba, b'dan li l-istess ghandha tipprezenta d-domandi relattivi li ghandhom jigu notifikati lill-Perit Tekniku li ghandu jirrispondi ghalihom bil-miktub a spejjez attrici. Dwar it-talbiet l-ohra l-attrici ghandha ssegwi l-procedura;

Rat il-verbal tal-25 ta' Novembru, 2003 fejn il-Qorti rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2003, u rat li sa llum ma kienux ghandhom gew ipprezentati l-ebda domandi lill-Perit Tekniku u li l-attrici u d-difensur taghha ma dehrux. *In vista* ta' dan il-Qorti rrevokat *contrario imperio* l-istess digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2003 u halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-llum;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut datata 25 ta' Novembru 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni u li permezz taghha l-attrici qeghda titlob li hija tissepara minn ma' zewgha l-konvenut minhabba adulterju, swat, theddid, ingurji gravi, minacci, eccessi *oltre* li z-zwieg tkisser irremidjabilment. Il-konvenut, minn naha tieghu, jirribatti billi filwaqt li jaqbel li ghandu jkun hemm dikjarazzjoni ta' separazzjoni, jattribwixxi htija fuq l-attrici u dan minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi oltre' l-fatt li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fid-dikjarazzjoni guramentata taghha tibda` biex tghid illi hija saret taf lill-konvenut meta dawn kienu ghadhom tfal. Hija fil-fatt bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha hmistax-il (15) sena. Il-kontendenti damu b'kollox hames (5) snin gharajjes u bi thejjija ghaz-zwieg xtraw id-dar matrimonjali ezistenti bejniethom. Fil-bidu, u *cjoe`* meta zzewgu, l-kontendenti kienu qeghdin jghixu mal-genituri tal-konvenut u dan sakemm komplew jirrangaw id-dar matrimonjali taghhom. Il-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Gunju, 1996 u kien ghall-habta ta' Dicembru, 1996 illi huma fil-fatt marru jghixu fiha. Mad-dar matrimonjali kien inxtara ukoll garaxx. L-attrici, fid-dikjarazzjoni taghha tghid illi:-

"*Appena zzewigna tista tghid li kollox beda sejjer hazin, beda jerfa' jdejh fuqi, att ta' mhabba ma kienx hemm biex isiru t-tfal, u kwindi qatt ma konna f'posizzjoni li jkollna t-tfal. Kollox beda sejjer lura sakemm kont kostretta li naqta minn mieghu. Ma stajtx nibqa nghix dik il-hajja. Hajti kienet saret infern, ma stajtx inkompli nghix kif kont qed nghix*". Tkompli tghid illi "*ir-raguni ghala jiena inqtajt minn ma zewgi kienet ilha gejja. Hu kien ikun dejjem xoghol, ma riedx jaf bija u ma nafx ghal liema raguni*".

Illi sussegwentement, minhabba d-disgwid li kien hemm, l-attrici tghid li hija kienet kostretta tikri appartament. Hija tghid illi l-konvenut ipprova jgellidha ma' missierha u dan

peress illi huwa mar qallu li bintu (l-attrici) riedet titilqu minghajr ma qallu r-raguni vera u proprja. Tghid illi "*ma qallux li jiena kont kostretta li nitlaq minhabba t-theddid li ser joqtolni, minhabba s-swat tieghu. Ma stajtx nibqa nghix f'dik il-hajja li kollox bil-biza, u li nigi mhedda kull fejn inmur, li jew ser jigi jisparali, jew li ser jaghtini daqqa ta' karozza. Ghalhekk tlaqt mid-dar jien*".

Illi l-attrici tghid li hija ppruvat taghmel minn kollox sabiex issalva z-zwieg u kienet ukoll sahansitra kellmet lil Father Elia, lil Dun Victor Grech u li Father Lawrence Cachia. Hija ssemmi d-data tal-31 ta' Marzu 1998 bhala d-data meta spicca kollox bejniethom. F'xiehda li l-istess attrici tat quddiem l-Assistent Gudizzjarju, hija semmi l-1 ta' April 1998. Tghid kif il-konvenut kien wassalha fid-dar matrimonjali sabiex tigbor hwejjigha u xi affarijiet ohra u kif huwa stess imbaghad wassalha sa l-appartament li kienet kriet. Tghid illi "*jigifieri anke hu kien deciz li bejnietna kien spicca kollox. Minn dak inhar l-hawn bqajna hu naha u jiena ohra*".

Illi r-raguni l-ghala ma intlehaqx ftehim bejn il-kontendenti, kienet illi skond l-attrici, l-konvenut beda joffri ammonti irrizorji bhala l-hlas dovut lill-attrici ghal sehemha mill-immobbli li kienu gew akkwistati mill-istess partijiet.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici ssemmi lil Vincent Stafrace li hija tiddiskrevih bhala persuna li prova jghinha fil-problemi li hija kellha fil-hajja matrimonjali taghha mal-konvenut.

Illi mill-istess dikjarazzjoni jirrizulta illi hija kull ma trid illi tiehu nofs sehemha mill-proprjeta` mmobbli li kienu gew akkwistati qabel iz-zwieg. Tghid illi manteniment ma tridx u dan peress illi hija tahdem *full-time* f'lukanda.

Illi quddiem l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Deborah Farrugia, xehdet l-attrici u qalet illi l-konvenut kien vjolenti maghha u kien anke refa' jdejh fuqha u wadbilha xi oggetti fid-direzzjoni taghha. Dawn l-episodji ma kienux jigru ta' spiss izda kienu jkunu frekwenti. L-attrici tirrakkonta meta l-konvenut qasmilha flixkun fuq ghajnejha l-leminja u li l-marka taghha ghadha hemm sa llum. L-attrici tghid ukoll

illi huma u *cjoe`* l-kontendenti f'din il-kawza kienu hallsu *"disat elef lira Maltija (Lm9,000) ghall-kuntratt spejjez ta' bollol u konvenju u imbaghad hadna loan mill-bank qabel iz-zwieg ta' sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) sabiex nispiccaw id-dar*". L-attrici tghid illi "*mid-disat elef lira Maltija (Lm9,000) illi kellna inhalsu ghad-dar, kwazi illi hrigt is-somma kollha jiena*" u "*nippreciza illi l-ircevuti tal-flus illi hrigt jiena mid-disat elef lira Maltija (Lm9,000) huma ghand Steven u jinsabu f'isem it-tnejn*". Tghid ukoll illi "*meta nhargu l-ircevuti minn Nutar meta hallast id-disat elef lira Maltija (Lm9,000) ma kellna l-ebda ftehim bejnietna illi kien qieghed jirrikonoxxi illi hrigt il-flus jiena*". L-attrici fix-xhieda taghha moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju tghid illi "*mill-prezz tad-dar cjoe` hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) jiena u Steve konna hallasna elfejn u mitt lira Maltija (Lm2,100) flimkien u dawn hrigniehom nofs bin-nofs. Il-kumplament thallas billi hadna loan ta' sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) minghand il-Mid-Med Bank, Loan Account number 618005666*".  Dwar ir-*repayments* ta' dan il-*loan* l-attrici tghid illi "*din il-loan fil-bidu bdiet tithallas nofs minni u nofs minn Steven cjoe` mitt lira Maltija (Lm100) kull wiehed billi jammontaw ghal loan repayment ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fix-xahar. Din baqghet tithallas nofs bin-nofs dejjem pero' jista jkun illi l-loan repayment naqas ghal mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm176) fix-xahar flok mitejn lira Maltija (Lm200). Id-dokument relattiv ghal din il-loan jinsabu u dejjem kienu fil-pussess ta' Steven. Fil-bidu konna nhallsu billi jiena u Steven, it-tnejn flimkien, immorru l-bank jiddepozitahom u fil-fatt hekk kien jaghmel. Il-loan ghadha ma thallsitx u fadal xi tmint elef lira Maltija (Lm8,000). Jiena waqaft inhallas il-loan mill-31 ta' Marzu, 1998".*

Illi sussegwentement fix-xhieda taghha l-attrici tghid illi:-

"*Nixtieq nippreciza rigward id-dar illi jiena u Steven konna f'ammont indaqs hallasna s-somma ta' elefejn u mitt lira Maltija (Lm2,100) fuq il-konvenju tad-dar. Il-kopja tal-konvenju baqa' sa llum ghand Steven. Jiena u Steven hallasna sebat elef lira Maltija (Lm7,000) ndaqs bejnietna pero` nahseb illi jiena hallast ftit aktar u s-somma ta' sebat*

*elef lira Maltija (Lm7,000) ma gietx imhallsa ugwalment bejnietna. Din is-somma thallset mal-kuntratt tal-31 ta' Mejju, 1996 u mhux kif spjegajt iktar 'il fuq fix-xhieda tieghi*". Izzid tghid illi "*nispjega illi meta hallast is-sehem tieghi tas-sebat elef lira Maltija (Lm7,000) u cjoe` bejn wiehed u iehor erbat elef lira Maltija (Lm4,000) pero` nahseb ukoll xi haga aktar, jiena gibt dawn il-flus, parti kontanti u parti mid-depoziti illi kelli fil-Mid-Med Bank tal-Mosta. Il-flus kontanti gibthom mid-dar tal-mummy fejn kont noqghod jiena. Jiena m'ghandix record ezatti tal-flus illi hrigt jiena jew Steven. Ahna fdajna lil xulxin*". Tghid finalment illi hija qatt ma hallset arretrati tal-*loan* li kellhom mal-bank.

Illi dwar l-introjtu taghha qabel iz-zwieg, l-attrici tghid illi "*jiena bhala average fil-gimgha meta kont gharusa kont naqla xi mitt lira Maltija (Lm100) bil-full-time u l-part-time jobs*".

Illi l-attrici tghid illi hija kellha madwar erbat elef lira Maltija (Lm4,000) fi flus il-Mid-Med Bank Ltd gewwa l-Mosta u l-APS Bank Ltd.

Illi meta l-attrici xehdet in kontro-ezami dwar l-allegazzjoni tas-swat, theddid u glied, li issemmew fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2002, hija tghid illi qatt ma ghamlet rapporti lill-Pulizija.

Illi dwar ir-relazzjoni extra-matrimonjali li allegatament kellha l-attrici, hija tghid illi hi kellha relazzjoni sesswali ma terzi pero' lejn l-ahhar taz-zwieg. Tghid illi "*din ir-relazzjoni bdiet f'Dicembru, 1998. Ir-relazzjoni sesswali mat-terza persuna ma bdietx mill-ewwel. Nikkonferma li f'Dicembru, 1998 u Jannar, 1999 kien diga` kelli relazzjoni intima ma' dan ir-ragel*". L-istess attrici tikkonferma illi hija kienet siefret ma' Vincent Stafrace f'Dicembru, 1998. Kien proprju f'dan ix-xahar ta' Dicembru, 1998 illi l-attrici bdiet "*ir-relazzjoni ma' Vincent Stafrace u fl-istess xahar sifirt mieghu. Vincent Stafrace sirt nafu ghaliex kien jahdem mieghi gewwa Santa Marija Hotel. Jien bdejt nahdem hemm f'Awissu 1998. Jien inkellem lil kulhadd u minn hemm bdiet ir-relazzjoni taghna*". Dawn id-dati gew

sussegwentement korretti mill-attrici u minflok 1998 hija qalet li riedet tghid 1997.

Illi l-**konvenut** xehed bil-procedura ta' l-affidavit u jibda biex jghid illi hu kien ilu jaf lill-attrici minn meta kienu zghar. Jghid ukoll illi huma damu madwar sitt snin johorgu flimkien. Dwar il-hajja matrimonjali, l-konvenut jghid illi "*malli zzewigna, beda l-inkwiet bejnietna, peress illi hekk kif bdejna nghixu flimkien, sahansitra fil-honeymoon, l-attitudni ta' Ingrid inbidlet ghal kollox, tant illi anke matul il-honeymoon stess, inqala hafna glied bejnietna, peress illi Ingrid dejjem riedet li tghaddi taghha, u jekk ma tghaddix taghha taqbad tidghi u taghmel ix-xenati*".

Illi l-konvenut jzid jghid illi "*l-ewwel sena u nofs wara li zzewwigna, konna nghixu ghand ommi, peress illi ma kienx ghad kellna fejn noqghodu. Lil ommi, Ingrid ma kinitx tahmilha, avolja ommi kienet tiehu hafna pacenzja bina u taghmel hafna maghna. Il-facendi tad-dar dejjem ommi ghamlithom u Ingrid ma kinitx tkun trid imqar tnaddaf il-kamra li konna norqdu fiha ahna. Fi ftit xhur bdiet ukoll tirrifjuta illi tahsilli hwejgi, tant illi kien ikolli nahsilhom jien stess, specjalment meta morna noqghodu ghal rasna u ma bqajtx insib l-ghajnuna minghand ommi. Din kienet is-sitwazzjoni bejn Jannar 1998 meta garrejna fid-dar il-gdida u l-31 ta' Marzu ta' l-istess sena, kemm domna nghixu flimkien, ghaliex fil-fatt Ingrid telqet fl-1 ta' April, 1998* ".

Illi dwar it-tip ta' relazzjoni li l-partijiet kellhom bejniethom il-konvenut jghid illi "*Jiena kont naghmel sforzi kbar sabiex nikkalma l-affarijiet u kemm jista jkun insalva z-zwieg imma kien kollu ghalxejn, peress illi s-sitwazzjoni ta' bejnietna baqghet sejra mill-hazin ghall-aghar. Ingrid ma kienet turi l-ebda interess fija, u kienet saret passiva u bierda fil-konfront tieghi minn kull aspett, tant illi anke fl-ewwel ftit xhur taz-zwieg taghna, kienet iggib kull skuza sabiex ma jkollniex relazzjoni intima bejnietna. Fil-fatt, anke Ingrid stess, meta xehdet, ammettiet illi wara xahrejn biss illi izzewigna, kull relazzjoni intima bejnietna naqtghet. Imma dan, zgur li ma kienx minhabba nuqqas ta' interess da parti tieghi, imma ghaliex, kif sirt naf wara,*

*Ingrid ovvjament kellha wicc haddiehor, u allura ma riditx affari mieghi*".

Illi dwar l-allegazzjoni li l-konvenut jaghmel dwar l-attrici u cjoe` l-addebitu li jaghmlilha ta' adulterju, huwa fil-fatt jghid illi "*wara forsi sitt xhur zwieg, ommi kienet gibditli l-attenzjoni illi Ingrid, filwaqt li lili kienet tghidli li ghandha wgiegh ta' ras jew ma tiflahx, malli kont nitlaq ghax-xoghol, Ingrid kienet tbiddel u titlaq il-barra. Fil-fatt, ommi u missieri lil Ingrid kienu rawha niezla mill-karozza ta' xi hadd, li kienet Escort bajda, u mbaghad imxiet ghad-dar t'ommi, ghax konna ghadna noqghodu hemm. Ommi kienet hadet in-numru tal-karozza, u jien kont mort vicin il-post tax-xoghol fejn kienet tahdem Ingrid dak iz-zmien, u cjoe` s-Santa Marija Hotel, u hemm sibt dan l-Escort abjad, bin-numru li qaltli ommi. Jiena ccekkjat l-isem li jkun hemm fuq il-licenzja li tkun imwahhla mal-windscreen u sibt li kienet ta' certu Vincent Stafrace mill-Marsa*".

Illi l-istess konvenut jghid ukoll illi darba kien xtralha biljett ta' l-ajru ghat-Tunezija u kien baghat lil wiehed minn shabu jsegwi lill-attrici. Sieheb il-konvenut kien infurmah illi fuq l-ajruplan, Ingrid kienet ma' ragel. Il-konvenut jghid illi "*irnexxieli niccekkja l-lista tad-departures fuq dak il-flight u sibt, apparti isem Ingrid, ovvjament, isem Vincent Stafrace*". Jghid ukoll illi huwa kien irrekordja xi konversazzjonijiet telefonici li l-attrici kellha ma' dan Vincent Stafrace u fil-fatt esebixxa *cassette* immarkat bhala Dok. "SB1". Meta l-konvenut ikkonfronta lill-attrici b'dan il-fatt, hija ammettiet mieghu illi kienet ilha mieghu sa minn Jannar, 1997. Il-konvenut imbaghad jghid illi "*sa April 2002, zgur illi Ingrid kienet ghadha qed tghix ma' Vince Stafrace fl-indirizz 17, St. Michael Street, Marsa, tant li anke l-karti tal-Qorti tirceviehom hemmhekk stess, ovvjament fuq l-indirizz illi tat Ingrid innifisha*". Il-konvenut esebixxa wkoll kopja tar-Registru Elettorali li juri illi Vincent Stafrace jghix f'dan l-indirizz (Dok. "VS1").

Illi l-attrici xehdet ukoll fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Mejju, 2001 quddiem l-Assistent Gudizzjarju illi:-

"*Wara illi tlaqt mid-dar konjugali dahhalt f'hajti persuna tas-sess maskil, bl-isem ta' Vincent Stafrace. Dan ir-ragel ghadu f'hajti sa llum u llum qed nikkoabita mieghu u dan minn xi Jannar 2000. Jiena nfridt minn ma' Steven minhabba l-attitudni illi kien jimxi mieghi. Jiena xorta kont nitlaq lil Steven kieku lil Vincent ma ltqajtx mieghu. Tama ta' rikonciljazzjoni ma' Steven ma kienx hemm meta tlaqt jiena ma kontx lesta nerga' nghix mieghu*". L-attrici tghid illi appena xahrejn wara li huma izzewgu, r-relazzjoni sesswali ta' bejniethom ma baqghetx tezisti. Tghid ukoll illi "*f'sena u ghaxar xhur qatt ma kellna relazzjoni sesswali hlief f'dawk l-ewwel xahrejn. Jiena kont nistaqsih dwar din is-sitwazzjoni u ma kienx jirrispondini. Din is-sitwazzjoni affettwatni hafna u ghalhekk wasalt illi nohrog ma' Vincent Stafrace*".

Illi dwar il-proprjeta' mmobbiljari, l-konvenut jghid illi "*ahna ghadna, nispjega illi d-dar Block A, House 34, Binja Buqana, Triq it-Torri ta' l-Arlogg, Mtarfa, meta xtrajnieha kienet lesta minn kollox, hlief li ma kienx hemm kmamar tal-banju. Qabel dhalna noqghodu go fija, jiena u missieri bajjadna kullimkien, bis-soqfa b'kollox; ghamilna l-fili; ghamilna s-sitting room u d-dining room fuq stil rustiku billi baqqanthom; u ghaddejna wkoll l-ilma fiz-zewg kmamar tal-banju. Il-kmamar tal-banju tathomli ommi rigal. Minkejja dak li xehedt, Ingrid ma ghamlet xejn fil-post, ghax fost l-iskuzi li kienet iggib, kienet tghid li bit-trab thammeg xagharha*". Jkompli jghid illi "*il-prezz ghad-dar kif xtrajnieha, bis-sussiedju ta' l-*Awtorita' *tad-Djar kien ta' hmistax-il elf u seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm15,750.00) li minnhom jien hallast elf seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm1,750) mal-konvenju. Fuq l-istess kuntratt, xtrajna wkoll garaxx numru 89, li kien jiswa erbat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm4,600) li ghalih jien ukoll hallast erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460) fuq il-konvenju. Tant huwa hekk illi l-ammont totali ta' elfejn mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm2,210) sabiex hallast id-depozitu, hrigtu jien mill-kont personali tieghi fit-12 ta' Ottubru 1995, kif jidher mill-kopja tal-ktieb tal-bank ta' l-istess kont, li qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "SB2". Fil-fatt, b'dawn il-flus kien sar bank draft fl-istess gurnata, u mbaghad hallasna d-depoziti mal-konvenju skond ma jidher mir-ricevuta*

*relattiva li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata Dok. "SB3*".

Illi l-konvenut isostni li "*l-bilanc tal-prezz kemm ghad-dar u kif ukoll ghall-garaxx hallasnih mal-kuntratt. Konna hadna self minghand il-Mid-Med Bank dak iz-zmien, ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000). Qed nipprezenta kopja tal-kuntratt relattiv, li qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "SB4". Ghalhekk, mal-kuntratt b'kollox, fuq id-dar u l-garaxx, kien baqghalna naghtu bilanc ta' tmintax-il elf mija u erbghin Lira Maltin (Lm18,140), li fil-fatt thallsu skond ma jidher mir-ricevuta relattiva datata 31 ta' Mejju 1996 li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "SB5". Barra minn hekk kien hemm il-boll ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm728), skond ma jidher mir-ricevuta relattiva li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "SB6". Ghalhekk, oltre s-self li konna hadna, mal-kuntratt, jiena u Ingrid konna hrigna bejnietna tlitt elef tmien mija u tmienja u sittin Lira Maltin (Lm3,868). Is-sehem tieghi hrigt elf u tmien mija (Lm1,800) minnu mill-kont tal-Bank personali tieghi xi gimgha qabel ghamilna l-kuntratt, kif jidher mill-kopja tal-ktieb tal-Bank li ga giet esebita bhala Dok. "SB2". Il-bqija ta' sehmi hrigtu minn cash li kelli d-dar. L-ispejjez tan-Nutar konna hallasnihom cash meta gbarna l-kopja tal-kuntratt*". Jkompli jghid l-istess konvenut illi "*Il-kuntratt tad-dar u l-garaxx sar fil-31 ta' Mejju 1996, u ghalhekk qabel ma ahna zzewwigna, ilhaqt ghamilt biss pagament wiehed li kien ta' mitejn Lira Maltin (Lm200). Dan kien sar fl-24 ta' Gunju 1996, hamest ijiem qabel izzewwigna, u ghandi l-ircevuta li kopja taghhahi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "SB7". Ghalhekk b'kollox jigi li qabel ma zzewwigna, jien kont hallast ghall-post u l-garaxx is-somma totali ta' erbat elef tliet mija u erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm4,344) barra l-ispejjez tan-Nutar* ".

Illi l-konvenut jkompli jispjega l-pozizzjoni finanzjarja mill-aspett tieghu hekk:

"*Matul is-sena u disa' (9) xhur li jiena u Ingrid ghamilna mizzewgin, ir-repayments tal-Bank dejjem hallasthom jien*

*u fil-fatt ghamilt pagamenti li jgibu total ta' elfejn disa' mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,974.68), skond ma jidher mir-ricevuti relattivi li kopji taghhom huma hawn annessi u esebiti u mmarkati bhala Dok. "SB8" sa "SB23". Fil-fatt, minn dawn ir-ricevuti kollha, l-ewwel wahda datata 15 ta' Lulju 1996 (Dok. "SB8") kienet cash payment u tidher fuq ismi u fuq isem Ingrid. Imma l-bqija tar-ricevuti, jigifieri mid-Dok. "SB9" 'l hemm, huma kollha fuq ismi, u fil-fatt anke l-account number li jidher fuq l-istess ricevuti u cjoe` 614201576 (li llum gie mibdul meta l-Bank sar HSBC ghal 061-117214-050) huwa kont personali tieghi. Dan jista' jigi konfermat mill-Bank stess.*

*Wara li Ingrid telqet mid-dar, hi qatt ma hallset xejn fuq id-dejn, u jien kelli bilfors nibqa nhallas l-ammonti kollha, peress li altrimenti kont nitlef kollox. Fil-fatt, ghall-bidu li Ingrid telqet jiena kont bqajt inhallas u fil-fatt bejn April 1998 u Marzu 1999, kont ergajt hallast total ta' elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,520) skond ma jidher mir-ricevuti relattivi li kopja taghhom hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "SB24" sa "SB35". Imbaghad f'Marzu 1999, gie x'jghidli li jien ma kellix nibqa nhallas ghal Ingrid, meta hi ma kien jimpurtaha minn xejn, u ghalhekk, ghal xi zmien kont waqaft inhallas.*

*Imma malli waqaft, il-Bank gibdilna l-attenzjoni ghal dan. Fil-fatt il-Bank kien kitbilna aktar minn darba f'dan is-sens, skond ma jidher mill-kopji ta' l-ittri li qed nipprezenta u li qed jigu hawn annessi u esebiti u mmarkati bhala Dok. "SB36" sa Dok. "SB37". Kelli anke mmur inkellem lill-Manager tal-Bank ghax baghat ghalija, u qalli li jekk nibqa` ma nhallasx kien se jkollhom jaghmluli kawza u jehduli d-dar. Il-Manager kien ukoll qalli li kien baghat ghal Ingrid, imma hi ma rrispondietux. Meta rajt hekk, u anke wara li hadt il-parir ta' l-avukat, indunajt li ma kelli l-ebda triq ohra hlief li nhallas jien stess. Fil-fatt, meta kont kellimtu, l-avukat tieghi stess kien kitbilha lil Ingrid biex taghmel pagamenti, skond ma jidher mill-ittra li kopja taghha qed nesebixxi bhala Dok. "SB38", imma kollu ta'*

*xejn ghax Ingrid ma hallsitx lanqas sold wiehed wara li sseparajna.*

*Ghalhekk f'Jannar 2000, ma kien baqghali l-ebda triq ohra hlief li nhallas, u fil-fatt kont ghamilt pagament ta' elf tmien mija u ghaxar Liri Maltin (Lm1,810) f'daqqa biex nigi square ma' l-ammont li suppost kont hallast sa dakinhar. Kopja ta' l-ircevuta in kwistjoni qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "SB39". Dan il-hlas stajt naghmlu ghaliex, allavolja ma kontx qed inhallas, il-flus li suppost kelli naghti lill-Bank, jiena xorta kont qed inwarrabhom, ghax kont naf, li llum jew ghada, il-Bank kien ser jitlobhomlna u minn Ingrid ma kellix ghajnuna.*

*Fil-fatt, wara Jannar 2000, jiena bqajt inhallas regolari u ghandi r-ricevuti u rendikont shih tal-pagamenti li ghamilt. Qed nipprezenta hawnhekk kopja tad-dokumenti li juru l-ammonti li jiena hallast minn Jannar 2000 sat-30 ta' Settembru, 2002, li qed jigu mmarkati bhala Dok. "SB40" sa "SB50". Minn Dok. "SB40" sa Dok. "SB48" huma ricevuti ta' kull pagament, bl-ahhar wahda datata 29 ta' Novembru 2001 (Dok. "SB48"), imma wara dakinhar, il-Bank bidel il-procedura u jien ma bqajtx nircievi ricevuti, izda biss statements. Ghalhekk Dok. "SB49" huwa statement li juri l-pagamenti li saru wara d-29 ta' Novembru, 2001 fuq il-loan account. Dok. "SB50" huwa statement li juri illi dawn il-pagamenti kollha saru mill-kont tieghi bin-Numru 061-117214-050 (u li qabel kellu n-numru 614201576, kif ga spjegajt). Ghalhekk, dejn mal-Bank sat-30 ta' Settembru 2002, kien baqa sitt elef tliet mija u disghin Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm6,390.46) skond ma jidher mill-istatement (Dok. "SB 49").*

*Apparti dawn l-affarijiet, ghamara ma kellniex hlief sett tal-cane u sett tal-kamra tas-sodda, it-tnejn uzati, li xtrajniehom b'mitt Lira b'kollox, meta dawn gew imwarrba minn zewg hotels. Dawn ghadhom ukoll id-dar fejn ghadni noqghod jien.*

*Il-karozza tieghi, tal-marka Mazda 323F bin-numru ta' registrazzjoni FAV-094 kont xtrajtha jiena fl-1990 u*

*ghalhekk qabel iz-zwieg, u kienet imhallasa kompletament sakemm izzewwigt ghaliex fil-fatt kont hallastha fuq perijodu ta' tliet (3) snin. Qed nesebixxi kopja tal-hire-purchase agreement, il-log book relattiv u tal-cancellation form li juru dan u li qed jigu mmarkati bhala Dok. "SB72", Dok. "SB72A" u "SB73" rispettivament.*

*Wara li sseparajna, Ingrid xtrat karozza Skoda 120L ta' kulur orangju, li ghandha n-numru ta' registrazzjoni LAL-304.*

*Qed nesebixxi wkoll kopja ta' Statement of Account bin-numru 11633630010 f'isem Ingrid ma' l-APS Bank Limited, li juri illi sal-15 ta' April 1998, Ingrid kellha elfejn, tmien mija u tliet liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2,803.95) depozitati f'isimha, izda dawn gibdithom kollha f'din il-gurnata, u cjoe` biss tliet (3) gimghat wara li telqet mid-dar. Dan naturalment ghamlitu minghar il-kunsens tieghi, u jien ma rajtx sold wiehed minn dawn il-flus. Il-kopja ta' dan l-istatement qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "SB74".*

*Barra minn hekk, ricentement, jiena rcevejt ukoll statement ta' kont iehor, tat-tip Savings illi Ingrid ghandha f'isimha, din id-darba ma' l-HSBC Bank Malta plc, bin-numru 061-107819-050, li juri l-paga ta' madwar mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) fix-xahar illi Ingrid tircievi, minn fejn hija tahdem il-Westin Dragonara bhala chamber-maid. Dan l-istatement qed jigi anness u esebit u mmarkat bhala Dok. "SB75". Nispjega illi dan l-istatement ghandu l-indirizz ta' omm Ingrid, u gie ghandi peress illi meta konna ghadna nghixu ghand ommi, u allura l-posta ta' Ingrid kienet ghadha fl-indirizz ta' ommha, tal-posta li kien jaf fejn qed noqghodu, kien jitfa' kollox ghandi, u hekk baqa jaghmel meta nircievu xi haga b'dan il-mod".*

Mill-1 ta' April, 1998 'l quddiem il-partijiet ghexu separatament ghal rashom.

**<u>(B) ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI.</u>**

Illi din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi l-ewwel eccezzjoni hija dik tan-nullita' tac-citazzjoni attrici u dan peress "*illi d-Dikjarazzjoni ta' l-attrici minnha pprezentata skond il-Ligi ma tissodisfax ir-rekwizit impost mill-**artikolu 156 (3)** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, inkwantu imkien fis-seba' (7) pagni shah ta' l-istess dikjarazzjoni ma tirrizulta l-indikazzjoni tal-fatti li huma maghrufa lill-attrici personalment.*

Illi l-**artikolu 156 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jistipula illi:

*"Fil-Qrati superjuri, l-attur jew wiehed mill-atturi ghandu wkoll flimkien mac-citazzjoni jipprezenta dikjarazzjoni f'paragrafi numerati li jkun fiha migjuba bic-car il-fatti kollha rilevanti ghal kawza u li tiddeskrivi kull fatt f'paragrafi numerati separatament, biex isahhah it-talba tieghu, u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment. Din id-dikjarazzjoni ghandha jew tkun konfermata bil-gurament quddiem ir-registratur jew li maghha l-attur, jew wiehed mill-atturi, jannetti affidavit li fih jikkonferma l-fatti kollha li jsostnu t-talba tieghu, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment".*

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Aqua Logic Ltd vs Miriam Ellis"** (Cit. Nru. 1228/96GCD) deciza fit-18 ta' April 1997 stqarret illi:-

*"Mhux kull nuqqas iwassal ghan-nullità ta' att gudizzjarju. L-eccezzjoni ta' nullità tintlaqa' jekk tinghata fic-cirkostanzi msemmija fl-art. 789 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fil-kaz tallum ma hemmx nullità "ddikjarata mil-ligi espressament" (para. a); ma hux il-kaz ta' att mahrug minn qorti mhux kompetenti (para. b); ghalkemm kien hemm vjolazzjoni tal-forma li trid il-ligi, din il-vjolazzjoni ma gibitx lill-konvenuta pregudizzju li ma jissewwiex jekk mhux billi jithassar l-att (para. c); u, ghalkemm hemm nuqqas ta' partikolarità, in-numerazzjoni tal-paragrafi ma tistax titqies li hi "xi partikolarità*

*essenzjali”* (*para. d) li tehtieg ir-rimedju radikali tan-nullità”.*

Illi anke’ f’dan il-kaz, din il-Qorti, ghalkemm tirraviza li kien hemm nuqqas ta’ partikolarita` da parti ta’ l-attrici – u cjoe` li ma kienx hemm dikjarazzjoni ta’ liema fatti hija kienet taf bihom personalment, din il-Qorti hija tal-fehma illi tali nuqqas ma jistax jitqies li hi *“xi partikolarita essenzjali”* skond l-**artikolu 789 tal-Kap. 12** li tehtieg ir-rimedju radikali tan-nullita’. *Oltre* dan l-konvenut seta’ jikkonstata minn rajh liema fatti kienet taf l-attrici personalment meta huwa, *tramite* d-difensuri legali tieghu ikkontro-ezaminawha.

Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qeghda tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Illi il-Qorti sejra issa biex tezamina t-tieni eccezzjoni tal-konvenut li jghid illi *“l-Att tac-Citazzjoni lanqas ma jossodsfa r-rekwizit impost mill-artikolu 159(1) tal- Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, illi jispecifika illi c-Citazzjoni ghandha tkun fil-qosor, u m’ghandu jkun hemm ebda kumment jew hwejjeg mhux mehtiega sabiex jigu mfissra l-fatti sostanzjali, u dan in kwantu l-istess Citazzjoni tikkontjeni diversi kummenti, u b’mod partikolari, dak kontenut fir-raba` (4) sas- sitt (6) premessa huwa kumment superluwu ghat-talbiet attrici, u bl-ebda mod ma jista’ jinghad illi jikkostitwixxi fatt sostanzjali skond il-Ligi, u fic-cirkostanza, din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-provvediment ta’ l-artikolu 159(2) u tordna illi l-hwejjeg zejda jigu mhassra jew ic-Citazzjoni tigi mnehhija mill-inkartament u mbiddla b’ohra flokha maghmula skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-imsemmi artikolu”.*

Illi dwar din l-eccezzjoni ftit li xejn hemm wiehed xi jghid hlief li l-konvenut ghandu ragun jilmenta minn dan il-fatt, izda dan jwassalx ghall-annulament tac-citazzjoni attrici. Apparti minn hekk, jinghad ukoll illi l-attrici ipprezentat nota ta’ *“ristrutturizzazzjoni”* li minn sittax-il (16) talba hija nizlithom ghal disa’ (9) talbiet u ghalhekk ir-rimedju li talab l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu nghatalu bin-nota

"ristrutturizzata" tat-talbiet attrici. Illi ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa t-talba tal-konvenut f'dan ir-rigward, izda peress illi saret nota ta' ristrutturizzazzjoni da parti ta' l-attrici ma huwiex mehtieg li t*inoltre* ruhha fuqha.

**(B) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi jmiss issa li jibdew jigu analizzati u konsegwentement decizi t-talbiet fil-mertu u li jinsabu fin-nota "ristutturizzata" u dan ovvjament fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut.

Illi l-ewwel talba attrici hija fis-sens illi din il-Qorti ghandha tippronunzja l-firda personali permezz ta' sentenza. Il-konvenut ma jopponiex ghal din it-talba izda minn naha tieghu huwa jghid illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet giet reza mpossibli minhabba adulterju, sevizzji, eccessi, minacci u ngurji gravi da parti ta' l-attrici li rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibli.

Illi l-Qorti tibda` mill-ewwel biex tiddikjara li mill-provi prodotti jirrizulta li l-htija ghat-tfarrik ta' dan iz-zwieg ma hija ta' hadd hlief ta' l-attrici li ammettiet hija stess illi kellha relazzjoni adultera ma' Vincent Stafrace u dan sa minn Dicembru, 1997. L-attrici tipprova taddebita fil-konfront ta' zewgha li huwa kien jsawwatha u li kien vjolenti maghha, pero` bir-rispett kollu lejn l-istess attrici, jinghad minghajr tlaqliq illi dan il-fatt lanqas biss gie pruvat remotament. Illi ghalhekk, din il-Qorti hija konvinta, kif diga` nghad, illi l-htija ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg hija ta' l-attrici u dan minhabba l-adulterju kommess minnha.

Illi fit-tieni talba ristrutturizzata taghha, l-attrici titlob li r-residenza f'Binja Buqqana, Block A, House 34, Triq it-Torri ta' l-Arlogg, Imtarfa RBT 10 tigi assenjata *in toto* lilha nono*stante* li din ir-residenza kienet inxtrat qabel iz-zwieg mill-kontendenti b'ishma ugwali ta' hamsin fil-mija (50%) indivizibli fuq l-istess dar, u dan ghal ragunijiet validi li jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza;

Illi dwar din it-talba l-Qorti tibda biex tghid illi bl-ebda mod l-attrici ma ssostanzjat dak allegat minnha u ma tat l-ebda

raguni ghala r-residenza matrimonjali kellha tigi assenjata *in toto* lilha. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti thoss li ma’ hemm l-ebda triq ohra hlief li sejra jkollha tordna l-bejgh bis-subbasta ta’ l-imsemmija proprjeta` mmobbiljari.

Illi dwar it-tielet talba u *cjoe`* li *“fic-cirkostanzi li jirrizultaw fil-mori tal-kawza ebda naha mill-kontendenti m’ghandha tivversa retta alimentari lin-naha l-ohra, u dan peress li z-zewg kontendenti jahdmu ‘full-time’”* jinghad illi galadarba l-attrici ammettiet li hija kellha relazzjoni adultera ma’ terza persuna, allura hija qeghda a tenur ta’ l-**artikolu 48 (1) (d)** titlef id-dritt li tezigi manteniment minghand il-konvenut. Ghar-rigward tal-konvenut *stante* li dan qieghed jahdem, allura f’dan l-istadju l-Qorti tiddikjara illi huwa ma ghandux dritt li jesigi manteniment minghand martu l-attrici.

Illi dwar ir-raba talba u *cjoe`* li l-*“effetti ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandhom jigu mplimentati fl-intier tieghu kollha kontra l-konvenut, kif l-istess ghandu jsir fir-rigward ta’ l-artikolu 51,52 u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta”* jinghad illi din it-talba ma tistax tintlaqa` fl-intier taghha. Ghal dan il-ghan il-Qorti tiddikjara li ghandhom jigi applikati kontra l-attrici d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 (1)** fl-intier taghhom kontra l-attrici stess.

Illik l-attrici fil-hames talba taghha titlob li *“tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b’mod illi wara li jitnaqqsu l-ispejjez li gew ikkonfermati bhala li attwalment saru, il-kumplament jinqasam ugwalment bejn il-partijiet il-Ligi”*. Dwar dan jinghad illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta s-segwenti:

L-attrici tallega li ghamlet is-segwenti versamenti:

a) Lm2,100 (elfejn u mitt lira Maltija);

b) *Circa* erbat elef lira Maltija (Lm4,000) mis-sebat elef lira Maltija (Lm7,000) li l-kontendenti hallsu mal-kuntratt;

Illi l-attrici tghid ukoll illi d-dar matrimonjali kienet tiswa hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000).

Illi l-Qorti wara li rat il-provi kif mressqa mill-attrici, thoss illi ma tistax toqghod fuqhom. Illi mill-kuntratt ta' akkwist tad-dar matrimonjali jirrizulta illi l-prezz ta' akkwist tad-dar kien ta' hmistax-il elf, sebgha mija u hamsin lira Maltija (Lm15,750) u mhux hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000). Din id-differenza fil-prezz u *cjoe`* l-ammont ta' disat elef u mitejn u hamsin lira Maltija (Lm9,250) huwa s-sussidju li l-partijiet ovvjament ma hallsux. *Inoltre*, l-istess kuntratt jghid illi l-prezz sussidjat pagabbli mill-kompraturi (l-konjugi Brincat) huwa ta' hmistax-il elf, sebgha mija u hamsin lira Maltija (Lm15,750) *"li minnu l-Awtorita' tiddikjara li irceviet is-somma ta' elf, sebgha mija u hamsin lira Maltija (Lm1,750) waqt li l-bilanc ta' tlettax-il elf, hames mija u erbghin lira Maltija (Lm13,540) jithallsu mill-Bank".*

Illi ghalhekk dak li tghid l-attrici li l-kontendenti hallsu sebat elef lira Maltija (Lm7,000) ma jirrispekkjax il-verita'.

Illi minn naha l-ohra ghandu iktar mis-sewwa dak li jghid il-konvenut ghar-rigward ta' l-ispejjez li saru. Il-konvenut jghid illi l-attrici harget is-somma ta' elfejn u tmienja u sittin lira Maltija (Lm2,068) mal-kuntratt u huwa hareg is-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltija (Lm1,800). Il-boll imhallas ghall-imsemmi kuntratt, u dan skond ma jirrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok. "SB6" huwa fl-ammont ta' sebgha mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm728). Din ir-ricevuta hija mahruga fuq isem Stephen Brincat *et.* Illi ghalhekk galadarba din ir-ricevuta harget fuq iz-zewg partijiet hekk ukoll ghandu jigi prezunt illi l-ammont hemm indikat inhareg b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi skond ma jidher mir-ricevuti esebiti mill-istess konvenut, jirrizulta illi huwa hallas s-somma ta' elfejn, mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm2,210) bhala depozitu akkont fuq id-dar matrimonjali u l-garaxx.

Illi jirrizulta ukoll illi l-konvenut hallas l-ewwel mitejn lira Maltija (Lm200) mill-pagamenti dovuti lill-Bank fl-24 ta' Gunju, 1996 u dan mill-kont personali tieghu. Wara d-29

ta’ Gunju, 1996 dahal fis-sehh ir-regim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti.

Illi l-konvenut jghid ukoll illi “*matul is-sena u disa’ xhur li jiena u Ingrid ghamilna mizzewgin, ir-repayments tal-Bank dejjem hallasthom jien u fil-fatt ghamilt pagamenti li jgibu total ta’ elfejn disa’ mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,974.68)*”. Illi jekk wiehed jiddividi dan l-ammont ta’ elfejn disa’ mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,974.68) bil-wiehed u ghoxrin (21) xahar li l-konvenut jghid illi l-partijiet ghamlu flimkien, jigi l-ammont ta’ mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u sittin (Lm141.65). Dan l-ammont ta’ mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u sittin (Lm141.65) huwa l-*average repayment* li l-partijiet ghamlu fuq id-dar u l-garaxx.

Illi peress li din il-Qorti sejra tapplika l-provvedimenti ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** fil-konfront ta’ l-attrici, u peress illi ser tiddikjara illi l-pagamenti kollha li saru mill-1 ta’ Jannar, 1998 ‘l hawn kellhom kollha jigu kkunsidrati bhala li saru esklussivament mill-konvenut, hija ser tikkalkulha l-ammont li hallsu l-partijiet f’daqqa mid-data taz-zwieg sal-31 ta’ Dicembru, 1997. Minn Lulju, 1996 sa Dicembru, 1997 hemm tmintax (18)-il xahar u ghalhekk jekk wiehed jimmultiplika s-somma ta’ mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm141.65) bi tmintax (18) il-xahar jigi l-ammont ta’ elfejn u hames mija u disgha u erbghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm2,549.70). Dan l-ammont ghandu jigi diviz b’mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi hekk ukoll ghandu jigi diviz b’mod ugwali, l-ammont li intefqu sabiex jinxtraw xi affarijiet ghad-dar matrimonjali. Dan l-ammont gie kkwantifikat mill-konvenut ghal sebgha mija u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm778).

Illi l-konvenut jghid ukoll illi l-vettura tat-tip Mazda 323F bin-numru tar-registrazzjoni FAV-094 kienet inxtrat u thallset minnu qabel ma izzewweg. Il-konvenut jghid illi l-attrici xtrat vettura tat-tip Skoda 120L bin-numru tar-registrazzjoni LAL-304.

Illi finalment il-konvenut jghid illi huwa dejjem hallas il-*maintenance fee* lill-*Association* tal-Blokk A, Binja Buqana, Mtarfa fl-ammont ta' tmienja u sittin lira Maltija (Lm68) fis-sena.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-attrici gibdet (fil-15 ta' April, 1998) l-ammont ta' elfejn, tmien mija u tlett liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2,803.95) mill-kont taghha personali li kellha ma' l-APS Bank Ltd (Dok. "SB 74"). Dan l-ammont ghandha zzommu fl-intier tieghu l-attrici.

Illi l-konvenut jippretendi ukoll illi huwa ghandu jiehu s-somma ta' erbgha mija u sitta u sebghin lira Maltija (Lm476) u *cjoe`* l-ammont li hallas bhala *maintenance fee* ghall-partijiet komuni tal-blokk fejn tinsab id-dar matrimonjali. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-konvenut utilizza dawn il-partijiet tul iz-zmien kollu li huwa ghamel jghix fid-dar u ghalhekk ma jistax jippretendi illi huwa ghandu dritt ghal xi rimbors.

Illi ghalhekk mill-konteggi li saru jirrizulta illi l-attrici ghandha tiehu s-somma komplessiva ta' erbat elef u hamsa u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm4,095.86) (Lm364 nofs il-Boll; Lm2,068 l-ammont li harget l-attrici ammess mill-konvenut; Lm1,274.86 nofs il-pagamaneti li saru lill-Bank minn Lulju 1996 sa Dicembru 1997, u l-ammont ta' Lm389 rapprezentanti nofs il-prezz ta' l-oggetti li nxtraw fid-dar matrimonjali).

Illi l-konvenut minn naha tieghu ghandu jiehu s-somma komplessiva ta' sbatax-il elf, erbgha mija u disgha u tletin lira Maltija (Lm17,439). (Lm364 nofs il-Boll; Lm2,100 depozitu akkont li saru fuq id-dar u l-garaxx; Lm1,800 hlas ta' taxxa tad-dokumenti u hlasijiet ohra; Lm200 pagament li sar qabel iz-zwieg fl-24 ta' Gunju; 1996, Lm12,676 pagamenti mensili effetwati mill-konvenut mill-1 ta' Jannar, 1998 sal-31 ta' Dicembru, 2003, Lm389 nofs l-prezz ta' l-oggetti li nxtraw fid-dar matrimonjali).

Illi din il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-Perit Tekniku, incent E Ciliberti minn fejn jirrizulta illi l-proprjeta`mmobbiljari u *cjoe`* d-dar matrimonjali u l-garaxx ma humiex komodament divizibbli.

Illi l-konvenut esebixxa ukoll ittra datata 15 ta' April, 2003 mibghuta mill-Awtorita' tad-Djar fejn gie nfurmat illi "*jekk id-dar matrimonjali tinbiegh, irid jigi rifuz l-ammont ta' disat elef, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm9,250) bhala sussidju li gawdejtu minnu. F'kaz li din tinzamm minn xi hadd minnkom, u dan ikun skond il-kuntratt tas-separazzjoni, l-Aworita tad-Djar tonora il-kuntratt, u dan is-sussidju ma jigix mitlub lura*".

Illi din il-Qorti, wara li rat dan kollu u hadet in konsiderazzjoni l-provi mressqa, *stante* li din il-proprjeta ma hijiex komodament divizibbli, tordna li dawn l-immobbli ghandhom jinbieghu bis-subbasta u dan *ai termini* ta' l-istimi relattivi maghmulin mill-imsemmi Perit Tekniku, Vincent E Ciliberti fir-rapport tieghu minnu konfermat fid-9 ta' Ottubru, 2003.

*Inoltre*, l-Qorti qed tordna li mir-rikavat tal-bejgh, wara li jithallsu l-ispejjez kollha relattivi ghal tali bejgh u wara li jitnaqqas id-djun rimanenti ma' l-HSBC Bank (Malta) plc fuq l-imsemmija proprjetajiet, u wara li jigi rifuz l-ammont ta' disat elef, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm9,250) lill-Awtorita' tad-Djar, liema ammont jirraprezenta s-sussidju koncess lill-kontendenti, mill-bilanc mir-rikavat tal-bejgh ghandhom jitnaqqsu ukoll is-somma ta' erbat elef, hamsa u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm4,095.86) u dawn jithallsu lill-attrici, u l-ammont ta' sbatax-il elf, erbgha mija u disgha u tletin lira Maltija (Lm17,439) ghandu jithallas lill-konvenut. Apparti minn dan kollu, mir-rikavat tal-bejgh ta' l-imsemmija proprjetajiet immobiljari, ghandu jitnaqqas kull kreditu ulterjuri rapprezentanti l-pagamenti effettwati mill-konvenut fuq is-self mehud mill-Bank relattivament ghall-istess proprjetajiet mill-31 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-bejgh effettiv. Kull ammont li jifdal wara li jitnqasu dawn l-ammonti hawn imsemmija, ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi ghar-rigward tal-vetturi tat-tip Mazda u Skoda, dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut u lill-attrici rispettivament.

Illi finalment jinghad illi kull parti ghandha zzomm l-ghamara u l-oggetti l-ohra mobbli kollha li hija jew huwa hadet jew ha qabel illum.

Is-seba' talba attrici (skond ma jirrizulta min-nota ristrutturizzata ta' l-attrici) hija li ghadhom jigu applikati l-**artikoli 55 u 55A tal-Kapitolu 16,** kif ukoll il-kontendenti ghandhom jitilfu d-dritt li jirtu lil xulxin a bazi tas-**subartikolu (3) ta' l-artikolu 60 ta' l-istess Kapitolu 16.**

Illi din il-Qorti qeghda tordna illi l-komunjoni ta' l-akkwisti giet xolta fl-1 ta' Jannar 1998 (id-data meta effettivament l-attrici kienet ikkommettiet l-adulterju). Dwar il-kumplament tat-talba din il-Qorti diga` pprovdiet aktar qabel.

It-tmien talba hija sabiex l-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe` Xuereb. Dwar dan hemm qbil ukoll da parti tal-konvenut. Illi ghalhekk il-Qorti qeghda tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe` Xuereb u konsegwentement tordna li jsiru dawk l-annotazzjonijiet u tibdiliet necessarji fl-atti pubblici kollha.

Il-Qorti *in vista* ta' dak li ghadu kif inghad hawn fuq sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba attrici li hija sabiex din il-Qorti *"taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni li din il-Qorti jkun jidhrilha xieraq u gust li taghti a bazi tat-talbiet precedenti attrici kif hawn fuq suesposti"*.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta' u tiddeciedi** din il-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-tieni u r-raba eccezzjoni tal-konvenut u tichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' u**

**tad-disa' talba attrici fin-nota ristrutturizzata taghha, tichad it-tieni talba kontenuta f'din l-istess nota u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** u dan biss fis-sens hawn premess, u dan billi:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti billi tiddikjara illi mill-provi prodotti rrizulta ampjament illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser tort uniku ta' l-attrici minhabba adulterju *da parte* taghha, li kawza ta' l-istess l-istess zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tichad it-tieni talba attrici sabiex hija tigi assenjata *in toto* id-dar matrimonjali u dan ghar-ragunijiet fuq premessi u dwar il-bejgh tal-proprjeta` mmobbiljari appartenenti lill-konjugi Xuereb hija ser tipprovdi aktar 'il quddiem.

3. Tilqa t-tielet talba b'dan illi galadarba l-attrici ammettiet li hija kellha relazzjoni adultera ma' terza persuna, allura l-Qorti qeghda tiddikjara illi l-istess attrici qeghda a tenur ta' l-**artikolu 48 (1) (d)** titlef id-dritt li tezigi manteniment minghand il-konvenut. Ghar-rigward tal-konvenut *stante* li dan qieghed jahdem, allura f'dan l-istadju l-Qorti tiddikjara illi fid-data ta' din id-decizjoni huwa ma ghandux dritt li jesigi manteniment minghand martu l-attrici.

4. Tilqa' *in parte* r-raba talba attrici biss fis-sens li jigi ddikjarat li ghandhom japplikaw kontra l-attrici d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

5. u 6. Il-hames u s-sitt talba sejrin jigu decizi flimkien. Il-Qorti qeghda tilqa l-hames u s-sitt talbiet attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u dan b'effett mill-1 ta' Jannar, 1998. *Inoltre* l-Qorti qeghda tiddikjara illi l-attrici ghandha tiehu (bhala kreditu) s-somma komplessiva ta' erbat elef u hamsa u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm4,095.86), kif gja gie spjegat aktar 'il fuq, u l-konvenut ghandu jiehu (bhala kreditu) s-somma komplessiva ta' sbatax-il elf, erba` mija u disa` u tletin lira Maltija (Lm17,439), ukoll kif gja spjegat aktar il-fuq.

*Inoltre*, l-Qorti qeghda tiddikjara illi hija qeghda tapplika fil-konfront ta' l-attrici d-dispozittiv ta' l-**artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u konsegwentement qeghda tiddikjara illi l-pagamenti kollha li saru mill-1 ta' Jannar 1998 'l hawn kellhom kollha jigu ikkunsidrati bhala li saru esklussivament mill-konvenut.

Illi jinghad ukoll dwar din it-talba, il-Qorti tiddikjara illi l-ammont ta' flus li gibdet l-attrici mill-APS Bank Ltd fil-15 ta' April 1998 ghandhom jibqghu fil-pussess ta' l-istess attrici u l-konvenut ma ghandux jkollu sehem minnhom.

Illi din il-Qorti, qeghda finalment tiddikjara illi l-proprjeta` mmobbiljari appartenenti lill-kontendenti, konjugi Brincat, *in vista* tal-fatt li mir-rapport tal-Perit Tekniku, Vincent E Ciliberti jirrizulta illi din il-proprjeta` ma hijiex kommodament divizibbli, tordna li din il-proprjeta' immobbli kollha tinbiegh bis-subbasta u dan *ai termini* ta' l-istimi relattivi maghmulin mill-imsemmi Perit Tekniku, Vincent E Ciliberti fir-rapport tieghu minnu konfermat fid-9 ta' Ottubru, 2003.

Illi mir-rikavat tal-bejgh, il-Qorti tordna li l-ewwel:-

a) jithallsu l-ispejjez kollha relattivi ghal tali bejgh;
b) jithallas u jitnaqqas d-djun rimanenti ma' l-HSBC Bank (Malta) plc fuq l-imsemmija proprjetajiet;
c) jigi rifuz l-ammont ta' disat elef, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm9,250) lill-Awtorita' tad-Djar, liema ammont jirraprezenta s-sussidju koncess lill-kontendenti.
d) ghandu jitnaqqas kull kreditu ulterjuri rapprezentanti l-pagamenti effettwati mill-konvenut fuq is-self mehud mill-Bank, relattivament ghall-istess proprjetajiet, mill-31 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-bejgh effettiv u dan kif gja fuq iddikjarat.

Illi mir-rikavat tal-bejgh u l-bilanc tieghu wara li jithallsu l-ammonti appena ndikati ghandhom jitnaqqsu ukoll is-somma ta' erbat elef, hamsa u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm4,095.86) li ghandha tithallas lill-attrici u l-ammont ta' sbatax-il elf, erba` mija u disa` u tletin lira Maltija (Lm17,439) li ghandu jithallas lill-

konvenut. Apparti minn dan kollu, mir-rikavat tal-bejgh ta' l-imsemmija proprjetajiet immobiljari. Kull ammont li jifdal wara li jitnaqsu dawn l-ammonti hawn imsemmija, ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi ghar-rigward tal-vetturi tat-tip Mazda 323F bin-numru tar-registrazzjoni FAV-094 u Skoda 120L bin-numru ta' registrazzjoni LAL-304, dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut u lill-attrici rispettivament.

Illi finalment jinghad illi kull parti ghandha izzomm l-ghamara u l-oggetti l-ohra mobbli kollha li hija jew huwa hadet jew ha qabel illum.

7. Tichad is-seba' talba attrici dwar l-**artikou 55 A tal-Kap 16,** u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li gja provdiet ghall-istess.

8. Tilqa' t-tmien talba u l-Qorti qeghda tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u *cjoe*` Xuereb u konsegwentement tordna li jsiru dawk l-annotazzjonijiet u tibdiliet necessarji fl-atti pubblici kollha.

9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba u dan *in vista* ta' dak li ghadu kif inghad hawn fuq.

Bl-ispejjez tal-kawza kollha jithallsu mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------